MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2009

Talba Numru. 628/2008

**Mobisle Communications Limited (C24655)**
**vs**
**FG Argentinian Limited (C27797)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' sitt mija u sitta u erbghin ewro u disa' u tmenin centezmu (€646.89) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mis-socjeta' konvenut lis-socjeta' attrici skont "*Client Contract Number*" 1010682 in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta' attrici u dana bejn Gunju 2007 u Marzu, 2008.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Gunju, 2009 dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma dana l-Att, dawk tal-ittra ufficjali lill-banek relattiva ghall-imsemmija mandat u bl-imghax sad-datat tal-

pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn issollevat illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu respinti, bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici, billi m'huweix minnu li s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati in atti.

Ra x-xhieda ta' Kenneth Azzopardi.

**Ikkunsidra:**

Illi din il-kawza titratta dwar debitu dovut mis-socjeta' konvenuta wara li din l-istess socjeta' konvenuta naqset milli thallas kont mibghut mis-socjea' attrici skont "Client Contract Number" 1010682.

Semgha x-xhieda tal-'*financial controller'* tas-socjeta' attrici fejn ipprezenta ftehim iffirmat minn J Zammit (202373M) bhala mandatarju specjali ta' Frank Grima ( ID 781757M) firmatarju tas-socjeta' attrici . Illi t-Tribunal ra li l-prokura f'isem Joseph Zammit kienet valida u skont il-Ligi u li ma gietx ikkontestata mis-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ra li kienu saru diversi tentattivi sabiex jintlahaq ftehim, izda dan ma sehhx.

Illi t-Tribunal ta' bizzejjed zmien sabiex is-socjeta' konvenuta tipproduci l-provi taghha. Illi fin-nuqqas ta' provi min-naha tas-socjeta' konvenuta, t-Tribunal ha jghaddi sabiex jevalwa l-provi kif gew pprezentati quddiemu.

Illi t-Tribunal jidhirlu li s-socjeta' attrici ppruvat il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skont il-Ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------